Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 206 :: LULJU 2013

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, għaż-żmien ix-xitwa, se tkun nhar il-**Ħadd, 28 ta' Lulju**, fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2.00 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-laqgħa. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm il-**Ħadd, 22 ta' Settembru** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## IL-POEŻIJI TA' ĠAN ANTON VASSALLO (1817-1868)

***Miġburin għall-ewwel darba mill-Prof. Oliver Friggieri***

Malta University Press ippubblikat il-volum Ġan Anton Vassallo – Il-Poeżiji, ktieb eleganti li jinkludi l-poeżiji bil-Malti miġbura tal-poeta magħruf tas-seklu dsatax Ġan Anton Vassallo, li għex bejn l-1817 u l-1868 imma li l-ħafna poeżiji tiegħu bil-Malti ma kienu għadhom qatt ma ngħabru sa issa, minn mewtu 'l hawn. Il-poeżiji issa ġew miġburin għall-ewwel darba mill- Professur Oliver Friggieri, li ilu jistudja lill-poeta u ilu jiġbor il-poeżiji tiegħu għal diversi snin. Il-volum jinkludi numru ta' xbihat rari u minsija ta' Ġan Anton Vassallo, impinġijin minn kontemporanji, kif ukoll stampi oħrajn marbutin mal-poeta, fosthom dokumenti u manuskritti.

Ġan Anton Vassallo, avukat u Professur tal-Letteratura fl-Università ta' Malta, twieled, għex u miet u kien midfun fil-belt Valletta. Indifen fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu. Għalkemm minsi kważi għalkollox, huwa meqjus normalment bħala l-poeta Malti l-aktar importanti tas-seklu dsatax u tal-bidu tas-seklu għoxrin, u huwa magħruf l-aktar għall-poeżija 'Tifħira lil Malta', li f'dan il-volum hi inkluża flimkien ma' varjanti tagħha. Il-Professur Oliver Friggieri mhux biss ġabar il-poeżiji tiegħu kollha bil-Malti, imma kiteb studju dettaljat ħafna fuqu bħala poeta u fuq il-wirt poetiku li ħalla warajh, li l-Professur Friggieri jinserixxi fid-dettal fil-kuntest wisq usa' tal-kultura letterarja Taljana, li kienet prominenti ħafna f'Malta matul is-seklu dsatax. L-introduzzjoni ta' Friggieri tinkludi bijografija qasira tal-poeta, mibnija fuq tagħrif mogħti minn żewġ kittieba kontemporanji tal-poeta, li huma Paolo Cesareo u Achille Ferres.

Il-volum jinkludi l-versi narrattivi, il-liriċi, il-ħrejjef versifikati u l-poeżiji satiriċi, li kollha jagħtu kwadru ħaj tal-ħajja fil-belt Valletta u f'postijiet oħrajn fil-gżira matul is-seklu dsatax. 'Il-Ġifen Tork', l-itwal poeżija narrattiva ta' Vassallo, hi ppreżentata bi studju twil waqt li hi analizzata wkoll b'ħafna noti ta' natura storika u stilistika. Bil-preżentazzjoni ta' dan il-volum importanti u uniku ta' aktar minn tliet mitt paġna, Malta University Press tittama li tagħti ħajja lill-figura ta' wieħed mill-membri distinti tal-istaff akkademiku li ta kontribut importanti fil-qawmien tal-letteratura Maltija.

Il-ktieb Ġan Anton Vassallo – Il-Poeżiji huwa prodott b'mod eleganti ħafna minn Midsea Books Ltd., Valletta, u huwa stampat mill-Gutenberg Press Ltd., il-Gudja. Il-ktieb jinsab għall-bejgħ għand il-librara ewlenin f'Malta u f'Għawdex, u wkoll online minn Sierra Books: www.sierra-books.com.

### *Ittra mingħand il-kuġin...*

*Jien ma nafx nikteb poeżiji, iżda ftit taż-żmien ilu konna għamilna Lejla Letterarja, l-għalliema li ngħallmu l-università. Kien hemm Ingliżi, Ġappuniżi, Spanjoli, Taljani, Ġermaniżi u oħrajn. Jien kelli noħloq xi limerikki bil-Malti. Qrajthomlhom u tajthomlhom tradotti bl-Ingliż ukoll. Nittama li tidħaq taqra t-tħarbix tiegħi.*

***Godfrey Magri, Ħ'Attard***

De Valette kien granmastru mill-kbar
Iżda qatt ma ta kas in-nies żgħar
Sakemm ġie Suleiman
Liebes f'rasu turban
U l-kbar qiegħdu liż-żgħar fuq is-swar.

Kitbu l-Malti bil-mod kif ħassewh
Sa tal-Għaqda fis ġew u sewwewh
Xi wħud bkewh kif ħallewh
Oħrajn qalu - hekk sew
Forsi llum għad irridu nibdew?

Biex tkun raġel trid tpejjep qatigħ
Tibda tisgħol u l-vizzju tneħħieh
IL-velenu hemm ġew
Jagħmel tiegħu ftit sew
U fl-aħħar id-dwal kollha jintfew.

Warda ħamra fi ġnejna mfewħa
Ħadha ġuvni għal xi tfajla sbejħa
Imma billi bla flus
Le tgħannaq, la tbus,
Din il-warda hemm baqgħet imbellha.

# IL-LAQGĦA TA' MEJJU



Tnax-il membru attendew il-laqgħa ta' Mejju. Kienet ġurnata sabiħa imma filgħaxija qalbet għax-xitwa u għamlet xita qawwija u dawk li ġew kellhom battalja sakemm waslu d-dar minħabba li t-toroq kienu taħt l-ilma. Imma kienet laqgħa sabiħa fejn ħafna kellhom xi qari x'jaqraw, kemm oriġinali tagħhom jew xogħol ta' kittieba Maltin. Michael Xuereb qara poeżija li kiteb huwa stess għall-memorja tal-ħabib u membru tagħna, il-mibki u qatt minsi, Laurie Armato, li miet ftit ġimgħat qabel. Il-poeżija kien jisimha "Rosario". Għalkemm il-ġenituri tiegħu kien semmewh hekk, kulħadd kien jafu bħala "Laurie". Michael spiċċa biex qralna xi tagħrif interessanti fuq il-poeta Malti, Rużar Briffa. Maria Catania qrat żewġ poeżiji ta' Karmenu Vassallo, "Iftaħli, Ma" u "Raħal Twelidi". Imbagħad kien imiss lil Joe Camilleri bil-poeżija tiegħu, "Jażqu fl-Ilma" u Fr Dom Degiorgio wkoll qara' poeżija tiegħu, "Issa". Il-President, Dr Victor Sammut qralna poeżija li kiteb meta kien Malta ftit jiem qabel, "Lil Malta Moderna". Wara kulħadd ħa kikkra te jew kafe` u xi ħaġa tal-ħelu. Ittieħed ukoll ritratt għall-okkażjoni. ***Bilqiegħda, mix-xellug: Fr Dom Degiorgio, Charles Attard, Alfred Xuereb, Joe Camilleri u Frank Bonett. Fuq wara, mix-xellug: Dr Victor Sammut, Rosemary Attard, Armando Catania, Maria Catania, Salvina Vella, Michael Xuereb u Paul Vella.***

## *Ktieb dwar ħabsi Malti eżiljat hawn fis-seklu 19*

Nhar it-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2013, fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta'Malta (fil-bini l-antik tal-Arti), il-kittieba Maltija-Awstraljana rebbieħa ta' premjijiet letterarji, Lou Drofenik, xebba Zammit, tkellmet dwar "Writing *Beloved Convict* – Maltese Exiles in Australia in the 19th Century". It-taħdita kienet bl-Ingliż iżda kien hemm ukoll diskussjoni bil-Malti. Din it-taħdita ġiet organizzata mid- Dipartiment tal-Malti f'din il-Fakultà tal-Arti. Kien hemm ukoll il-ktieb ta' Lou Drofenik għall-bejgħ. Din hi bejn storja vera u sħajjil. Bħall-ħames rumanz tagħha *Beloved Convict* (2012), din it-taħdita iffokat fuq l-istorja vera ta' Salvatore Diacono, li fl-1817 inqabad jgħarraq il-vapur tiegħu stess fil-Morea, fin-nofsinhar tal-Greċja, biex jiġbor il-flus tal-assigurazzjoni.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul, Il-kotba li bgħattli waslu fil-ħin permezz tal-id ġentili ta' Emmanuel Attard Cassar, li anke fakkarni biex inser-raħlek rasek...

Prosit tassew tal-programm sabiħ li kellkom għeluq it-33 sena mit-twaqqif tagħkom. Ta' tletin inkunu fl-aqwa tagħna, kollna enerġija u fantasija, kif inhi l-kotra tax-xogħlijiet tal-kittieba li kkontribwew, imqar jekk din l-età qabżuha sewwa. Se naqra xi ħaġa minnhom fil-programm tal-RTK Seħer il-Malti, bil-ħsieb li s-semmiegħa tagħna jiftakru li anke hemmhekk hemm min iħobb il-Malti u jiktbu b'ħila kbira.

Grazzi wkoll tal-pubblikazzjoni l-oħra, il-bijografija u apprezzament tal-ħidma ta' Dr Joe Abela, xogħol ta' Joe Axiaq. Huwa tajjeb li min ħawwel ix-xitla tal-Malti f'qasam miftuħ u kenninha mill-irjieħ tad-diffikultajiet f'art barranija jibqa' mfakkar bħala eżempju għaż-żgħażagħ li telgħin u għalina lkoll. Biex niftakru f'min ħadem... u ma tikbrilniex rasna.

Inselli ħafna għall-ħbieb Maltin kollha. U grazzi lil Emmanuel.

**Prof. Manwel Mifsud**

*Għażiż Paul, Nixtieq ngħidlek li l-bieraħ ġie Emmanuel Attard Cassar u ġabli l-Programm Mużiko-Letterarju tal- Ħadd, 23 ta' Settembru 2012. Prosit tassew. Biċċa xogħol tal-ġenn bil-poeżiji ta' livell tajjeb u biċċiet tal-proża wkoll.*

***Godfrey Magri***

Grazzi tal-Folju għażiż Paul. Ifakkarni dejjem li Malta mhix biss dawn il-gżejjer ċkejknin imma kull fejn hemm nies bħalkom iħobbuha u jaħdmu biex ixerrdu isimha u frott uliedha. Inselli,

**Patrick Sammut, Għaqda Poeti Maltin**

*Bonġu għażiż Paul, Għall-darb'oħra prosit tassew tal-Folju. Inti tibdili l-ġimgħa birrisq b'dan it-tagħrif, għalkemm insewwed qalbi meta nisma' bil-mewt ta' xi Maltin, li naturalment huma kbar fl-età. Għax ngħid li issa, dawk ta' warajhom mhux ser ikunu daqshekk qrib il-kultura Maltija. Imma m'hemmx x'tagħmel aktar milli qed tagħmel int u oħrajn kuraġġużi bħalek. Kompli Paul. Tislijiet mill-qalb,*

***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Erġajt irċevejt mingħandek Il-Folju ta' Ġunju 2013. Imburġat b'tagħrif mill-aktar siewi. Ittaffi l-uġigħ tat-tluq (mewt) ta' ħbieb l-Ilsien Malti, il-letteratura f'kull forma tagħha.

B'imħabba

**Mario Griscti**

## IT-TIEĠ

X'ħin tal-kċina qal lill-għarus li l-imbid spiċċa
L-għarus qallu: "Ma ġara xejn, imla t-tazzi bl-ilma.
Min irid jibqa', min le, jitlaq."

Dawk li veru xtaqu minn qalbhom xewqat sbieħ,
baqgħu.
Dawk li ġew għax ġew,
Gergru u telqu 'l barra.

It-tieġ baqa' sejjer ħarir.
Kulħadd kuntent, kulħadd hieni,
Kulħadd jifraħ mal-għarajjes.

Kull meta bil-kuċċarina tad-deżerta
In-nies iċċekċek mat-tazzi vojta,
L-għarusa tbus lill-għarus.... "Busu, busu!!"

Meta spiċċa kollox u telqu,
Kulħadd ħa lejn daru
Tnax-il ġarra mimlijin ferħ.

***Fredu Cachia, Melbourne April 2013***


Victoria Department of Premier and Cabinet

OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**